MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Numru 216/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR VICTOR AQUILINA**

**VS**

**CARMELA FENECH**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmela Fenech ta' 37 sena, bint Francis Cauchi u Emmanuela nee' Bonnici, imwielda tal-Pieta' nhar it-12 ta' Dicembru, 1967, residenti De La Vallette Court, Flat 6, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Bahar, detentrici tal-karta tal-identita' numru 2968 (M) ;

Akkuzata talli nhar il-15 ta' Novembru, 2004, ghall-habta tas-12.45pm, waqt li kienet ghaddejja bil-vettura tal-ghamla *Nissan Micra* bin-numru tar-registrazzjoni FAG

268 fi Triq Dun Karm Psaila gewwa Birkirkara, u f'dawn il-Gzejjer, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghha jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkagunat ferita gravi fuq il-persuna ta' Gesmon Sammut, detentur tal-karta tal-identita' numru 520165 (M), hekk kif iccertifikat Dr Claire Falzon MD, tal-Isptar San Luqa, liema ferita aktarx tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggibb difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh jew iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq, jew f'wahda mill-idejn;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saqet l-imsemmija vettura, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ammissjoni tal-imputata, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnha wara li nghatat zmien skond il-Ligi.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 226 tal-Kap 9 u l-Artikoli 15(1) u (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja, u tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------